Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 2– Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Vici Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Micallef | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

2.1 Il-laqgha nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

2.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.2.1 Inqraw il-minuti u gew ikkonermati

**2.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

2.3.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għad-diversi laqgħat li kellu f'dawn il-jiem mal-kuntratturi u periti rigward proġetti u xogħolijiet pendenti.

2.3.2 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu mal-Ministru għal Għawdex dwar kif nistgħu nkomplu nikkollaboraw flimkien u kif tista tgħinna f'xi proġetti u xogħolijiet. Il-Ministru minn naħa tagħha offriet li meta jkollna biċċa xogħol lesta li tgħin u fejn tista anke tibgħat il-ħaddiema. Is-Sindku rrefera wkoll li waqt il-laqgħa magħha ġiet diskussa l-problema ta' Triq Hamri u l-Ministru talbitna nibgħatulha t-talba tagħna bil-miktub biex naraw nistgħux noħorġu b'xi soluzzjoni. Huwa rrefera



K.C.

fost l-oħrajn għat-talba li ressaq għall-possibilita' għal aktar ħaddiema pero l-Ministru wieġbet li mhux daqstant faċli. Huwa rrefera wkoll ghal-laqgħa li kellu mas-Sur Victor Xerri rigward l-istess possibilita'. Is-Sindku rrefera wkoll li fil-ġranet li jmiss hemm cans li jibda magħna Leli Azzopardi ħaddiem minn tas-CMU. Is-Sindku semma' wkoll li waqt il-laqgħa huwa talab lill-Ministru dwar hux possibli li ningħataw kopja tal-istudju ta' Bethlehem f'Għajnsielem iżda hija stqarret li kulma għandha huwa *draft*.

2.3.3 Bħala proġetti is-Sindku rrefera għat-tisbiħ f'Ta' Lourdes, u l-Ministru ssuġġeriet li dan ix-xogħol għandu jistenna sakemm issir l-*alternative road* tal-Imgarr peress li l-istruttura ta' dawn l-inħawi qegħda ċċedi u kull proġett ta' tisbiħ fil-preżent ikun qed isir għalxejn. Hemm ħsieb li jsiru saqajn biex jorbtu l-pedamenti. Waqt il-laqgħa s-Sindku rrefera għall-esproprjazzjoni ta' Triq Baħħara u l-Ministru talbitna stima. Problema li s-Sindku ressaq quddiem il-Ministru hija dwar l-Impjant tad-Drenaġġ u l-problema tad-drenaġġ fix-Xatt l-Ahmar. Il-Ministru stqarret li huma ħafna konxji tagħha u qed jaħdmu bis-sħiħ fuqha. L-*issue* hija li l-impjant mhux ilaħħaq mad-demand tan-nies speċjalment fil-weekend. Il-Ministru semmiet li s'issa solvew għal kollox l-ewwel fażi dik tad-drenaġġ tal-annimali u għadhom qed jaħdmu fuq il-kumplament. Waqt il-laqgħa mal-Ministru s-Sindku rrefera wkoll għad-diversi ħtiġijiet li hemm fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar. Sar qbil li ħafna xogħolijiet jistgħu jsiru permezz tal-ħaddiema tas-CMU. Il-Ministru ssġġeriet li nagħmlu pjan sħiħ , li jinkorpora l-għawwiema, dgħajjes, faċilitajiet, aċċess tat-triq, smart bins, eċċ. Is-Sindku rrefera għall-pjan ħolistiku għax-Xatt l-Aħmar preparat minn xi Kunsill preċedenti u li nistgħu nimmodifikawh u mill-ġdid nimbarkaw fuqu.

2.3.4 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-laqgħa li kellu ma' Charlie Zammit f'isem il-JP2 Foundation rigward friendship agreement mal-Polonja li eventwalment jista jsir ġemelaġġ. Huwa rrefera għal fatt li kien hemm xi *misundersanding* u ma ħadux gost li ħadd ma attenda għall-istedina. Sar qbil li għandna nerġgħu nikkuntatjawhom u nispjegawlhom li kellna bidla tal-amministrazzjoni u nuruhom ix-xewqa li nkomplu b'din ir-relazzjoni. Il-Viċi Sindku ta spjegazzjoni għaliex ma setax jattendi peress li kienet fil-gimgħa tal-elezzjoni u ma kinitix possibli li jattendi.

2.3.5 Is-Sindku rrefera għat-talba ta' mera fi Pjazza Indipendenza fil-kantuniiera ma' Triq Ramon Perellos. Sar qbil li għandna napplikaw biex teħel mera. Huwa rrefera wkoll għal talba ta' mera oħra fil-kantuniera bejn Triq Bengħazi u Triq il-Ġnien. Sar qbil li għandna ninstallaw waħda u naraw fejn l-aħjar li titpoġġa.

2.3.6 Is-Sindku talab sabiex nerġgħu nressqu t-talba biex jinżabru l- *bushes* fi Triq l-Imġarr ħdejn il-Gozo Press.

2.3.7 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għad-dumping li hemm fil-bidu tat-tunnel ta' Wied Rghajjes. Huwa ssuġġerixxa li nagħmlu gradilja biex il-ħmieġ jibqa fil-wiċċ u jkun aktar faċli biex jitnaddaf.

K.C.

2.3.8 Is-Sindku rrefera għad-*dumping* li hemm fi Triq Xprunara. Sar qbil li għandna nikkuntajtaw lill-persuna li qed tħammeġ biex tnaddfu.

2.3.9 Is-Sindku rrefera għat-talba sabiex tinbidel il-grada tal-ilma ta' quddiem l-iskola. Sar qbil li għandna nippruvaw ngħaddu x-xogħol rikjest lill-ħaddiema tas-CMU.

2.3.10 Is-Sindku rrefera għal fatt li bħalissa qed induru l-bankijiet kollha tal-lokal u qed jinżebgħu. Huwa propona li l-bankijiet tal-playing field jinżebgħu b'kuluri differenti. Il-kunsilliera qablu ma' dan.

2.3.11 Is-Sindku rrefera għal ħtieġa li fix-Xatt l-Aħmar hemm bżonn signs fosthom "Do not Litter". Huwa talab l-approvazzjoni sabiex jordnahom u xi tabelli li jinħtieġ madwar il-lokalita'.

2.3.12 Is-Sindku rrefera wkoll għat-talbiet li kellu sabiex id-dogbin li hemm ħdejn il-*planter* fil-pjazza jitħarrek għan-naħa l-oħra tal-Pjazza mal-ġnien. Sar qbil dwar dan.

2.3.13 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li jinħtieġ li l-bins jitbattlu aktar spiss. Sar qbil li għandna nikkomunikaw ma' Għajnsielem FC u naraw kif nistgħu nimmodifikaw il-kuntratt tal-knis billi ndaħħlulhom id-daħla ta' Chambray u Triq Palma.

## 2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

2.4.1 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab sabiex jitnaddaf il-Wied u Belvedere ta' Triq iż-Żewwieqa. Talab ukoll sabiex is-siġar tal-post jinżabru. Ġie spjegat lilu kif saret applikazzjoni mal-MEPA għal tisbiħ fil-Belvedere u ġiet rifjutata darbtejn. Sar qbil li sadanittant għandna napplikaw biex niżbru s-siġar u wkoll nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jgħinu fit-tindif tal-wied. Is-Sur Saliba talab li kemm il-darba jsir it-tindif tajjeb li jiżdiedu żewg bankijiet.

2.4.2 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-ilment li rċieva rigward il-*bins* tal-ħġieġ u l-istorbju li jsir meta qed jigu jarmu n-nies bil-lejl. Huwa talab jekk nistgħux insibulhom post ieħor. Ġie spjegat li meta kienu fil-Parking Area kienu saru lok ta' miżbla u fil-post li qegħdin li huwa ċentrali u miftuħ jidhru li qed jaħdmu tajjeb ħafna u ma jkollnix ilment. Is-Sindku Kevin Cauchi ssuġġerixxa li għandna nressqu wkoll il-WEE Trolley fuq barra biex inaddfu ftit l-entratura tal-Kunsill. Sar qbil ukoll li jistgħu jsiru *signs* bil-ħinijiet ta' tbattil u anke dwar il-possibilita' li ssir *camera*. Sar qbil ukoll li għandna nressqu t-talba sabiex jekk inhu possibli l-bins jinbidlu fi *smart bins*.

K.C.

2.4.3 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar jekk Triq Sant'Antnin hiex ser issir bit-tarmak. Is-Sindku kkonfemalu li ser issir peress li l-Ministru għal Għawdex ikkonfermat li ħarġu t-tenders meħtieġa.

2.4.4 Il-kunsillier Teddy Saliba talab ukoll sabiex nduru dawra l-gazebo ta' taħt il-każin u nirranġaw li l-funtana tagħha taħdem. Sar qbil li għandna nqabbdu kaħħal u nikru l-iscaffolding.

2.4.5 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa jekk wasalx iż-żmien li l-Agenda li ssir bl-ingliż. Is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet li d-dokumenti tal-Kunsill jinkitbu bil-Malti iżda tikkonsidra li l-agenda tintbgħat ukoll bl-Ingliż jekk verament ikun hemm il-ħtieġa.

2.4.6 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għall- *potholes* li hemm fit-Triq tax-Xatt l-Aħmar u l-ħtieġa li għandhom jiġu ppeċjati.

2.4.7 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex inniedu ħbiberija bejna u bejn xi Kunsill Malti. Huwa propona li tista ssir ħbiberija bejn Għajnsielem u l- Hamrun peress li bejn dawn iż-żewġ lokalitajiet diġa hemm stabiliti kuntatti sodi permezz ta' futbol u snooker. Sar qbil li għandna nibgħatulhom uffiċjalment dwar din il-proposta.

2.4.8 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jinżabru s-siġar li jinsabu taħt ta' Lourdes. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

2.4.9 Il-kunsillier Stephen Mercieca staqsa dwar x'sar mill-bozza li nqalgħet fi Triq Għajnsielem u talab sabiex terġa titwaħħal fil-viċinanzi peress li hemm ħafna dlam.

2.4.10 Il-kunsillier Stephen Mercieca staqsa għall-bozza li kien hemm fejn qed tinbena l-lukanda fil-pjazza. Sar qbil li għandna naraw insibux post addattat fejn tista teħel peress li dik il-binja għada mhix imkaħħla u b'hekk ma tista titwaħħal.

2.4.11 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex inressqu t-talba biex fil-parkeġġ li jagħti għall-bajja tal-Ġardun jittranġa u jitwitta' bi ftit torba u wkoll isi xi kantun fit-tarf biex jitneħħa l-periklu. Huwa propona wkoll li mportanti li jżidu ftit id-dawl. Sar qbil li għandna nressqu t-talba tat-twittiwja lis-CMU fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

2.4.12 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jitħarrek id-dogbin li hemm fi Triq Ċens l-Għarus. Sar qbil li għandna nressquh lejn il-Belvedere.

2.4.13 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex jiġi provdut b' lista tal-proġetti u xogħolijiet pendenti mil-leġislatura ta' qabel. Huwa rrefera għal-Pjazza tad-Dehra u l-problemi li fiha speċjalment biex titħaddem il-funtana. Huwa semma' li l-proġett kien mibdi mill-amministrazzjoni ta' qabel u afdat f'idejn l-esperti u baqgħet qatt ma nstabet soluzzjoni u issa saħansitra qed jagħtuna l-parir biex tinbena kamra fuq. Huwa rrefera għal fatt li kellna parir li għandna niksu l-*pump room* u wara l-Inginier qed jissuġġerixxi li tinbena *pump room* fuq barra. Huwa rrefera għal fatt li huwa lmenta għal fatt li ċerti



K.C.

proġetti saru mod u issa qed jiġi ssuġġerit li jsiru mod ieħor. Is-Sindku Kevin Cauchi qal li huwa ser jiltaqa' mal-Inginier fuq il-post sabiex jaċċerta li jekk inhi dik l-unika soluzzjoni naraw kif ser nipproċedu mmedjatament. Is-Sindku rrefera wkoll għall-ħtieġa ta' pompa addizzjonali u wkoll għandha titqajjem fil-laqgħa mal-Inġinier.

2.4.14 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għad-draft tal-Cost Benefit Analysis tas-sit Ta' Passi u kif dan baqa' qatt ma wasal. Lill-kumpanija li qed tagħmel dan l-istudju preżentajnielha d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni kollha mitluba. Huwa sahaq li għandna bżonn dan l-istudju biex naraw x'ser isir. Il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu nitolbu laqgħa mal-ERA biex nerġgħu nqajjmu d-diskussjonijiet ta' dan il-proġett.

2.4.15 Is-Sindku Kevin Cauchi irrefera ghal Reserved Parking Bay fi Triq Għajnsielem Street, quddiem il-Kunsill l-antik u li ma għadha ta' l-ebda użu. Sar qbil li għandna nikkonfermaw dan u filkaż nitolbu li titneħħa.

2.4.16 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal bin ta' ħdejn il-Frame li qed ikun dejjem mimli.

2.4.17 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera wkoll għal ħtieġa ta' trimming tat-turf tal-Pjazza tad-Dehra għax qed jinsab fi stat ħażin.

2.4.18 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għat-talba ta' resident fi Triq Hamri biex titranġalu ir- rampa tal-garage.

## 2.5 Korrispondenza u Rapporti

2.5.1 Ġiet trattata t-talba mingħand residenti li joqgħodu Triq Baħħara biex jirtiraw ħajt il-ġewwa fi triq wara Ġużeppi Cali'. Sar qbil li għandna naraw eżatt x'inhuma jitolbu u nitolbuhom *siteplan*.

2.5.2 Ġiet trattata t-talba mingħand resident ta' Triq Kemmuna għal-1.5 metre yellow line quddiem ir-residenza biex ikun jista jipparkja biex jrikkeb u jniżżel lill-persuna anzjana. Sar qbil li għandna nitolbuh japplika għal Blue Badge biex ngħaddu t-talba lil Transport Malta.

2.5.3 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Cordina għal double yellow line quddiem il-bieb tat-triq biex ikun jista jdaħħal il-lambretta. Din it-talba mhix ser tintlaqa' minn Transport Malta.

2.5.4 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex pot tal-ħadid li hemm taht il-każin tal-banda titranġa u terġa titħawwel palma ġo fiha. Sar qbil li għandna nirranġawha.

2.5.5 Ġiet trattata t-talba mingħand resident dwar l-inkonvenjent li qed joħolqu l-bins tal-ħġieġ li hemm ħdejn il-Kunsill u talab sabiex jitpoġġew post ieħor peress li matul il-lejl xhin qed jitfgħu il-ħġieġ qed jagħmlu ħafna storbju.

K.C.

2.5.6 Ġiet trattata talba mingħand residenta fi Triq il-Lelluxa sabiex il-ġbir tal-iskart jibqa jidħol ġewwa peress li ir-residenti qed ikollom joħorġu iż-żibel fi Triq Mġarr. Sar qbil li għandna nibgħatu email lill-kuntrattur.

2.5.7 Ġiet trattata t-talba mingħand resident biex jitneħħa bin tal-klieb minn Triq Sant Eliju. Sar qbil li għandu jitpoġġa ħdejn il-Belvedere.

2.5.8 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Hamri sabiex titranġalu l-kurduna tal-bankina.

2.5.9 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Borg Għarib għal-disabled parking quddiem ir-residenza tiegħu. Sar qbil li għandna ninfurmawh li jinħtieġ li jippreżenta l-Blue Badge biex issir it-talba.

2.5.10 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Simirat Street, għal disabled parking space. Sar qbil li għandna nivverifikaw il-ħtieġa peress li qed ikollna talbiet anke fl-istess triq.

2.5.11 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq il-Ġnien għall-ħtieġa *double yellow lines* quddiem ir-residenza tiegħu peress li t-triq hija dejqa f'dik il-parti. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lill-Transport Malta.

2.5.12 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex jinżabru is-sigar tal-Pjazza tad-Dehra. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lid-Dipartiment tal-Agrikultura sabiex jinżabru.

2.5.13 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex jinżabru siġar li qed jostakolaw bankina fi Triq Mgarr ħdejn l-entratura ta' Bethlehem. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

2.5.14 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Cordina sabiex issirilha tiswija fil-bankina.

2.5.15 Ġie trattat ilment dwar il-karrijiet tad-dgħajjes li hemm iż-Żewwieqa. Sar qbil li għandna nressqu dan l-ilment lill-pulizija.

2.5.16 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex jitnaddaf il-passaġġ li minn quddiem il-Grand Hotel jagħti għaż-Żewwieqa.

2.5.17 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta ta' Triq Filfla, li tixtieq ftit cement sabiex ma jaqbiżx ilma 'l ġewwa.

2.5.18 Ġiet trattata t- talba mingħand resident fi Triq Ġużeppi Cauchi talba ta' *double yellow line.* Inkellmu lil Transport Malta u lill-inkwilin.

2.5.19 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Gleneagles għal-railing quddiem ir-residenza tagħha minħabba assistenza għal persuna anzjana. Sar qbil li dan ir-railing għandu jsir.

2.5.20 Ġiet trattata t-talba għal pelikan lights fi Triq l-iMgarr ħdejn tal-ispiżjar.

2.5.21 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fuq Triq Wied il-Għajn biex l-ilma jiġi *diverted* lejn it-taraġ. Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-Perit jekk dan jistax isir.

2.5.22 Giet trattata t-talba minghand resident fi Triq Borg Gharib sabiex issir communial reserved parking bay fl-inhawi tieghu. Sar qbil li ghandna nressqu din it-talba lil Transport Malta.

2.5.23 Giet trattata talba oħra għal *reserved disabled parking bay* fi Triq Simirat. Sar qbil li għandna nibgħatuha lil Transport Malta għal konsiderazzjoni tagħhom.

2.5.24 Ġiet trattata t-talba mingħand resident f'isem ir-residenti ta' triq bla isem fi Triq Benghazi għal-lampa ġdida f'din it-triq . Il-Kunsill ivverifika li verament hemm ħtieġa u qabel li għandna naraw jekk iridhiex teħel mar-residenza tiegħu kew ma' ta' xi resident ieħor. Rigward it-talba li din it-triq tingħata isem, sar qbil li għandna nipproponu lil Kumitat Ismijiet tat-Toroq li tissemma' Triq Dun Karm Cassar.

2.5.25 Ġiet tratta Ittra mingħand l-Għaqda Armar Għajnsielem sabiex il-Kunsill jgħin fil-kiri u x-xogħolijiet tal-armar u żarmar tad-dwal. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas parti mill-ispejjes sa' massimu ta' €500.

## 2.6 Responsibilitajiet lill-kunsilliera

2.6.1 Is-Sindku Kevin Cauchi assenja r-responsabilitajiet lill-kunsilliera. Huwa stqarr li aċċerta li r-responsabilita' assenjata tkun dik l-aktar għal qalb kull kunsillier biex iħossu komdu jaħdem f'dak il-qasam. Huwa propona sabiex nahdmu id f'id u fuq bazi ta' konsultazzjoni. Huwa propona li meta nkunu qed nippjanaw proġetti kbar għandna norganizzaw Public Consultation *meeting* fil-fażi inizjali tal-proġett.

2.6.2 Ir-responsibilitajiet ġew imqassma hekk:

Sindku Kevin Cauchi assuma r-responsabilita':

- Ko-ordinazzjoni tar-riżorsi umani tal-Kunsill,
- Finanzi
- Proġetti u tisbieħ
- Attivitajiet ( Flimkien mal-Viċi Sindku)
- Fondi, Programmi u Progetti EU
- Tfal u Edukazzjoni
- Kampanja u Ambjent

- Wirt Storiku u monumenti
- Harsien tal-Annimali
- Informazzjoni u konsultazzjoni pubblika.

2.6.3 Lil-Viċi Sindku Franco Ciangura assenjalu dawn ir-responsabilitajiet:-

- Kultura
- Attivitajiet flimkien mas-Sindku
- Bethlehem f'Għajnsielem
- Ġemellaġġi u Relazzjoniet ma Pajjiżi barranin
- Assistenza Fondi u Programmi EU
- Żvilupp tal-lokalita' bħala destinazzjoni turistika

2.6.4 Lil-kunsillier Larry Buttigieg ġew assenjati lilu dawn ir-responsabilitajiet:-

1. Żgħażagħ (flimkien mal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ)
2. Sports u Attivitajiet fiżiċi (flimkien ma' Stephen)
3. Bajjiet Pubbliċi
4. Għaqdiet
5. Is-Saħħa u Berġa
6. Ko-ordinatur tal-Festa

2.6.5 Lil-kunsillier Stephen Mercieca ġew assenjati dawn ir-responsabilitajiet:-

- L-indafa Pubblika
- Toroq residenzjali u arterjali
- Soft Areas
- Transport u Immaniġjar tat-Traffiku
- Harġiet
- Għajnsielemfest

2.6.6 Lill- kunsillier Teddy Saliba ġew assenjati dawn ir-responsabilitajiet:-

- Komunita u Qasam Soċjali
- Anzjani
- Persuni bi Bżonnijiet Speċjali
- Integrazzjoni tal-Barranin Fostna
- L-Emigranti
- Ko-ordinatur Servizz tal-Minibus.

Il-kunsilliera lkoll laqgħu dawn ir-responsibilitajiet assenjati lilhom.

## 2.7 Proġetti pendent u tkomplija tagħhom

2.7.1 Proġett tat-Taraġ - Is-Sindku rrefera għal-lagħat li kellu mal-Perit u mal-kuntratti kollha relatati mal-proġett tat-tarag. Is-Sindku rrefera għall-ittra li ntbgħatet lill-kuntrattur bil-Qorti u għal fatt li t-Tnejn l-1 ta' Lulju l-kuntrattur ġie jkompli x-xogħol u l-istess kuntrattur qed jgħid li sas-19 ta' Lulju għandu jeħles il-proġett. Huwa semma li bħalissa qed ikomplu jiksu t-tondjatura. Bħala trinka għall-fanali u *connection* tagħhom ser issir mill-kuntrattur Richard Cauchi u wkoll ser ikun hu li jgħaddi d-dwar tat-turġien li ser isiru fil-ġenb tat-taraġ. Is-Sindku semma' li f'dan l-istadju l-aktar urġenti huwa r-railing biex iservi bħala safety biex ħadd ma jaqa' għal isfel. Sar qbil li għandna nagħmlu railing tal-hgieg. ma jaqghux . Is-Sindku rrefera ghat-trinka li trid titqatta' fit-triq biex jghaddi l-cable tad-dawl u ghal fatt li peress li esperjenzajna hafna dewmien mil-kuntrattur LBV Ltd, huwa propona li ghandna nahdmu b'Road Construction Ltd bhala kumpanija ntitolata li tqatta' trinki fit-triq. Is-Sindku spjega li sadanittant l-Enemalta ghandha ticcekja jekk ghandhiex cable biex jekk jigi konfermat dan inkunu nistghu mmexxu bit-trinka.

2.7.2 Triq Hamri - Rigward il-proġett tar-*resurfacing* ta' Triq Hamri, is-Sindku rrefera għal fatt li reġgħa tenna t-talba lill-Ministeru għal Għawdex jekk jistgħux jgħaddulna l-ammont sħiħ għat-tieni offerta peress li Gatt Construction Ltd ma aċċettax li jiffirma l kuntratt għall orħos offerta. Sadanittant ser nistennew it-tweġiba tal-Ministru għal Għawdex u naraw kif ser nimxu. Filkaż il-Kunsill ma jkollux triq oħra għajr li jiċċekja nistgħux immorru għal *negotiating procedures* jew nerġgħu noħorġuha mill- ġdid.

2.7.3 Trinka tad-Dawl Gudja - Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-kuntrattur Richard Cauchi dwar it-trinka tad-dawl fil-Gudja u għal fatt li huwa qabbad sub- contractor li huwa J Debono Ltd peress li huwa u r-Road Construction Ltd biss li għandhom permess iqattgħu trinka Għawdex. J Debono Ltd baqgħu qatt ma ġew jagħmluha minkejja l-pressjoni li saret. Is-Sindku ikkuntatja lil Debono Construction biex jara x'ser jiġri u kkonfermawlu li ma għadhomx jaċċettaw xogħol żgħir hekk minħabba l-*workload* li għandhom. Sadanitant is Sindku Kevin Cauchi ltaqa' mad-Direttur tar-Road Construction u aċċetta li jagħmilha hu bħala sub-contractor ta' Richard Cauchi. Il- Kunsill qabel li għandu jmexxi kemm jista jkun malajr.

2.7.4 - Arkata / Wied il-Kbir - Is-Sindku rrefera għaż-żjara li huwa kellu flimkien mal-Perit Shawn Micallef fuq il-proġett tar-restawr tal- Arkata ta' Wied il-Kbir peress li għal dan il-proġett għandna allokati għalih fondi tal-Unjoni Ewropea u għadu ma ngħata l-ebda bidu għalih. Huwa rrefera għall- problema li l- miżura ser tagħlaq fi Frar 2020 u mhux faċli nilħqu niksbu l-permessi neċessarji. Is-Sindku semma' li sar jaf li diġa kien hemm l-istudji kollha meħtieġa ppreparati minn Kunsilli preċedenti minn Perit differenti. Sar qbil li għandna naraw kif nakkwistawhom ħalli nkunu nistgħu mmexxu.

2.7.5 Update Triq Provigarju u Triq Ta' Brigħen - Is-Sindku rrefera għax-xogħolijiet ta' Triq il-Provigarju u għal fatt li x-xogħol bħalissa jinsab wieqaf peress li qed nistennew lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma sabiex tkompli s-servizzi minn naħa tagħha.

2.7.6 Rigward Triq il-Brieghen tinsab nofsha lesta iżda wara li saret it-trinka tal-*fibre optic* jinħtieg li tinħareġ in-NoObjection mingħand Heritage Malta . It-Triq tax-Xatt l-Aħmar ser tinbeda dalwaqt. Is-Sindku rrefera għat-talba sabiex isir kanal fond madwar 10 piedi sabiex iservi bħala belliegħa biex jingabar l-ilma tax-xita. Is-Sindku semma li jrid jiċċekkja mal-Perit jekk dan ix-xogħol hux legali u naraw x'possibilita' hemm li ssir.

## 2.8 Applikazzjoniet għal sistema ta' Irrigazzjoni u Cat Shelter u dik tal-Libreriji.

2.8.1 Is-Sindku rrefera għall-iskemi li ħarġu dan l-aħħar mid-Dipartiment fosthom dik tal-irrigazzjoni u *animal shelter*. Sar qbil li bħala rrigazzjoni napplikaw għal Belvedere ta' Triq Hamri u Playingfield Amabile Caucho.

2.8.2 Rigward l-applikazzjoni tal-*animal shelter* , is Sindku Kevin Cauchi propona li għandna napplikaw għall-proġett ta' *cat shelter* f' Ta' Passi u ieħor fil-Gudja peress li fiż-żewġ siti hemm elememt ta' *pet feeding community* u dawn irridu nsaħħuhom u nillokalizzawhom. Il- Kunsill qabel ma' dan il- kunċett.

2.8.3 Għall-applikazzjoni tal-librerija s-Sindku rrefera għaż-żjara li għamel lil-libreija u għall-ħtieġa urġenti li din tiġi rinovata u attrezzata. Huwa propona li imminentament din il-librerija tiġi mgħammra bl-arja kkundizzjonata. Il-Kunsill qabel ma' dan. Huwa propona li sadanittant ser napplikaw biex nirranangaw il-librerija b'għamara u *cushions* biex nagħmluha post li tattira l-qarrejja speċjalment lill-qarrejja ż-żgħar.

## 2.9 Periklu fil-pedamenti ta' fi' Triq Wied Rgħajjes.

2.9.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal problemi li hemm fi Triq Wied ir-Rgħajjes, kaġunati minn *culvert* li qed jisfronda, liema attenzjoni ġiet miġbuda mill-Perit Shawn Micallef. Il-Perit insista li għandna nittrattaw il-kaz b'urġenza qabel isir xi nċident. Is-Sindku rrefera għad-direttivi tal-Perit li wkoll irrefera għal ħtieġa urġenti anke permess li jikkwalifika bħala każ ta' *direct order* ħabba l-periklu mminenti. Sar qbil li għandna nitolbu stima.

## 2.10 Survey - Għarar fi' Triq Dun Speditu

2.10.1 Is-Sindku semma' li s-*survey* ta' Triq Dun Speditu Tabone ħareġ u qed jirriżulta li hemm qlib ħażin. L-*option* li hemm hija li jew titqaxxar it-triq u terġa

K.C.

ssir jew isir culvert. Sar qbil li għandna naraw jekk jistax isir *culvert* u naraw fejn ser nisparaw l-ilma tiegħu.

## 2.11 Xatt l-Aħmar

2.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li l-bajja tx-Xatt l-Ahmar jinħtieġilha pjan ta' immaniġjar. Huwa rrefera għal pjanti li għandu l-Kunsill ppreparati mil-Perit Godwin Sultana u li għandna nergghu niddiskutuhom u nkomplu nibnu fuqhom. Sar qbil li dawn id-diskussjonijiet għandhom jerġghu jitqajjmu fil-laqghat li jmiss.

Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal-laqgħa li nżammet mal-MTA u li ssuġġerewlna sabiex f'Ottubru nżommu laqgħa magħhom biex inressqu s-suġġerimenti tagħna dwar din il-bajja.

## 2.12 Dawl u Xiri ta' planter/s fic-Ċentru tar-raħal

2.12.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ħtieġa ta' bdil ta' numru kbir ta' bozoz fil-fanali taċ-ċentru tal-lokal peress li mhumiex kollha l-istess kulur. Sar qbil li għandhom jinxtraw u jinbidlu f' kollha l-istess. Sar qbil li għandna ninkarigaw lil Norbert Cauchi sabiex jibdilhom.

2.12.2 Is-Sindku propona wkoll sabiex jinxtraw xi *pots* u pjanti għal aktar tisbieħ speċjalment fiċ-Ċentru tal-lokalita'. Bħala pjanti sar qbil li nipprocedu filwaqt li għall-planters sar qbil li għandna niġbru xi stimi.

2.12.3 Is-Sindku rrefera għal fatt li jinħtieġ għadd ta' tabelli madwar il-lokalita'. Huwa talab l-approvazzjoni ta' sħhabu biex jipproċedi bl-ordni meħtieġa tagħhom.

## 2.13 Inawgurazzjoni tal-Minibus

2.13.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li ngħatajna appuntament mingħand Transport Malta rigward l-inawgurazzjoni tal-Electric Minivan. Għal din l-inawguazzjoni ser jattendi l-Ministru tat-Trasport Ian Borg u hija pjanata li ssir fit-12 ta' Lulju fl-10:00am. Kulħadd huwa mistieden għal din l-inawgurazzjoni.

2.13.2 Il-Kunsill qabel li gandu jibda jopera s-servizz tal-Minivan minn nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju 2019 u jibda jopera għal-Berġa u anke għall-użu tal-NGOs.

## 2.14 GħajnsielemFest 2019

2.14.1 Il-kunsilliera qablu li Ghajnsielemfest jkun jikkonsisti fil-kunċert ta' Angelo u s-serata tat-talent lokali. Bħala serata ta' talent lokali sar qbil li għandha

U.C.

tinżamm nhar il-Hamis 22 t'Awwissu mit-8pm 'l quddiem, quddiem il-każini. Bħala mistiedna speċjali sar qbil li għandna nistiednu lir-rebbieħa tal-X Factor Malta Michela Pace u r-runner-up Owen Leuellen. Bħala preżentaturi sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Ron u Martin Sapiano. Sar qbilli għandna nibbukjaw id-dawl, sound, siġġijiet u *projector*.

## 2.15 Festa 2019 / Kiosks

2.15.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li issa li l-proġett tat-taraġ ser jitlesta, il-kiosks tal-festa li hemm quddiemu jridu jiċċaqilqu. Sar qbil li għandhom jitpoġġew faċċata tal-garages.

## 2.16 Tolfarte

2.16.1 Is-Sindku propona li peress li ma fadalx żmien għall-preparamenti ta' Tolfarte, l-aħjar soluzzjoni hija dik li ntellgħu l-grupp ta' kantanti lokali minkejja li hemm minnhom li diġa ppartecipaw. Il-kunsill qabel ma' dan u li għandhom ikunu akkumpanjati minn delegazzjoni mil-Kunsill.

2.16.2 Rigward l-akkomodazzjoni ta' x'ħin jiġu t-Taljani hawn fostna tinsab solvuta peress li sibna akkomodazzjoni għal kulħadd fil-kumpless li nbena f' Ta' Lourdes.

## 2.17 Approvazzjoni tal-Pagamenti

2.17.1 Giet prezentata l-iskeda tal- pagamenti u gew approvati.

## 2.18 Materji oħra

2.18.1 Laqgħa mat-tenur Angelo Muscat - Għal-laqgha kien preżenti t-tenur għajnselmiż Angelo Muscat. Huwa semma' kif qed itellgħa kuncerti f'diversi rħula u xtaq li jagħmel xi ħaġa f'raħlu stess. Huwa qed jipproni li jsir kunċert fl-apert li jinvolvi t-talent Għajnselmiż kollu u jitkantaw kanzunetti pop u klassiċi. Huwa hawnhekk talab is-sapport finanzjarju u logistiku. Is-Sindku talbu sabiex billi l-attivita' proposta tinsab fil-qrib, b'effett immedjat ghandu jibghatilna l-ispejjes involuti sabiex il-Kunsill ikun jista jiddeciedi fejn jista jghin.

## 2.19 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

2.19.1 Il-laqgha mtemmet fit-8:30pm u gìet aggornata ghal nhar it-Tnejn 19 t'Awissu 2019 fl-4:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**